# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta` Mejju, 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 1234/98GCD**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Paul Caruana**

Din is-sentenza giet necessitata bin-nuqqas ta` l-appellant li jikkawtela l-appell li huwa ghamel minn sentenza ta`l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta` Novembru 1999. Huwa bhala konvenut kien hass ruhu aggravat minn din is-sentenza w interpona appell permezz ta` rikors tal-15 ta` Dicembru 1999.

L-appell gie appuntat ghas-smiegh ghall-11 ta` Gunju, 2001. Ma` l-avviz tas-smiegh li nhareg taht l-awtorita` ta` din il-Qorti inhareg ukoll avviz tal-kawtela li kellha tinghata a tenur ta` l-Artikolu 209 u 249 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta`

Malta. Mhux ikkontestat illi l-appellant ma giex notifikat b`ebda wiehed minn dawn l-avvizi. Huwa pero` ma deherx ghas-seduti quddiem din il-Qorti tal-11 ta` Gunju u 15 t`Ottubru 2001 u tal-11 ta` Frar u 8 t`April 2002, minkejja illi saret komunika lil wahda mid-difensuri tieghu fit-18 ta` Gunju 2001 u difensur iehor dehret fis-seduta tat-8 t`April 2002. F`din is-seduta giet sollevata n-nuqqas ta` kawtela mid-difensur tas-socjeta` appellata peress illi anqas ma huwa kkontestat illi l-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza effettivament ma saritx. L-appell gie differit ghal provvediment ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat;

L-Artiklu 249 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li l-garanzija f`somma stabbilita mir-Registratur skond is-sub artiklu 2 ta` dan l-artiklu, "ghandha ssir u tigi depozitata fil-Qorti sa mill-inqas jum qabel ma jibda` jinstema` dak l-appell" (sub artiklu 1); l-istess artiklu 249 jaghmel referenza ghall-artiklu 209 ta` l-istess kodici li fis-sub artiklu 1 (tieghu) hekk jipprovdi.

> "Fil-Qorti ta` l-Appell jekk meta tissejjah il-kawza, jinstab li ma tkun saret il-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza kif provdut fl-artiklu 249, il-Qorti ghandha minnufih tghaddi biex tiddikjara l-appell dezert".

Din hija ghalhekk ir-regola minkejja illi skond il-proviso ta` dan l-artiklu l-Qorti <u>tista`</u> taghti lill-appellant zmien qasir biex igib il-kawtela taht ic-cirkostanzi imsemmija fl-istess proviso. Wiehed minn dawn ic-cirkostanzi, dak imsemmi fis-sub inciz (b) ta` dan l-artiklu, huwa propju

fejn l-appellant ma jkunx gie notifikat bl-avviz tal-konsegwenza tan-nuqqas ta` kawtela, kif, fil-fatt, ma giex notifikat f`dan l-appell.

Dan nonostante fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ukoll mehud kont tad-diversi differimenti li diga` saru f`din il-kawza din il-Qorti mhix sejra tezercita d-diskrezzjoni taghha u sejra tghaddi biex, bl-applikazzjoni ta` l-Artiklu 209 (1) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tiddikjara l-Appell odjern dezert.

Dep/Reg.

gs